MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-6 ta' April, 2011

Numru 7/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Galea Scannura)**

**vs**

**George Mifsud Bonnici**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **George Mifsud Bonnici** iben Benjamin u Katerina *nee'* Desira, mwieled Pieta, residenti 'Dar il-Gnien', Triq Ta' Rumi, M'Skala , u detentur tal-karta tal-identita' numru 275178M;

Talli fid-9 ta' Mejju 2002, f'Wied il-Ghajn ghall-habta tal-11:00am:
Waqt li kont qieghed issuq il-vettura Mitsubishi L200 bin-numru tar-registrazzjoni ABF-704, b'nuqqas ta' hsieb u bi

traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kkagunajt il-mewt ta' Chalres Caruana [ID 471571M];
Talli fl-istess lok, hin u cirkostanza, b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkagunajt offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Sarah Madeleine Bonnici [ID 9739A], liema offiza ggib il-konsegwenzi msemmija fl-artiklu 218 tal-Kaptilu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Talli fl-istess lok, hin u cirkostanza, b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkagunajt offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Nathan Caruana ta' tlett snin [ID254399M], liema offiza ggib il-konsegwenzi msemmija fl-artiklu 218 tal-Kaptilu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Talli fl-istess lok, hin u cirkostanza, b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkagunajt offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Marisa Farrugia [ID 440277M];
Talli fl-istess lok, hin u cirkostanza, b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ghamilt hsara fil-vettura Peugeot 205 bin-numru tar-registrazzjoni LCK-363 ghad-detriment ta' Joseph Spiteri;
Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi soqt il-vettura Mitsubishi L200 bin-numru tar-registrazzjoni ABF-704 bi speed eccessiv, b'manjiera perikoluza u bla kont;
Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-avukat generali tas-16 ta' Mejju 2007 (fol 252) li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex ikun ggudikat minn din il-Qorti ghal dak li hemm ravvizat fl-artikoli 225, 226(1)(a) u (c), 328(a)(b), 30, 532A, 532B u 533 tal-Kap 9, 15(1)(a)(2) Kap 65 127(1) tal-AL 128 tal-1994;
Rat id-dikjarazzjoni tal-imputat kif registrata fil-verbal tas-seduta tat-23 ta' Jannar 2008 li biha esprima li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li l-kawza tieghu tkun trattata bil-procedura sommarja;
Semghet il-provi;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti fis-sena 2004 biex iwiegeb dwar incident awtomobilistiku kawza ta' liema miet fuq il-post wiehed mis-sewwieqa u indarbu gravement il-passiggiera fiz-zewg vetturi involuti. L-incident jirrisali ghal Mejju tas-sena 2002 u jista' jkun brevement deskritt bil-mod segwenti:
L-imputat kien qieghed isuq il-van tieghu gewwa Marsascala gej mid-direzzjoni taz-Zejtun u sejjer lejn il-Bajja ta' San Tumas. Mieghu kellu bhala passiggier lill-gharusa tieghu li kienet bilqieghda fuq quddiem. Mid-direzzjoni opposta kienet gejja vettura misjuqa minn Charles Caruana li kellu mieghu lil martu fuq quddiem u lill-ibnu ta' tlett snin fuq wara. Appena l-imputat halla liwja hafifa sar impatt vjolenti bejn iz-zewg vetturi u Charles Caruana miet fuq il-post proprju fis-seat tax-xufier;
Dwar dan l-incident kienet saret inkjesta kondotta mill-Magistrat tal-Ghassa li bis-sahha ta' esperti mahtura pprezervaw ix-xena tal-impatt u dan ma setghax ikun aktar opportun ghaliex il-fatti kif prezervati juru d-dinamika tal-incident li juru li dan sehh b'mod djametrikament oppost ghal mod kif jghid l-imputat u l-gharusa tieghu;
Fost il-fatti prezervati insibu illi l-vettura tal-imputat halliet brake mark ta' 23 metru u l-impatt sehh kompletament fuq in-naha tal-kareggjata tal-vettura misjuqa minn Charles Caruana u ghal precizzjoni fin-nofs il-kareggjata li minnha kien ghaddej Charles Caruana, li jfisser li l-l-vettura tal-imputat invadiet il-kareggjata tad-decujus b'mod grossolan (ara skizz tal-perit arkitett fol 74). Il-Qorti opportunement qeghdha tirriproduci dik il-parti tar-relazzjoni tal-espert tal-Qorti nominat mill-Magistrat Inkwirenti biex jikkonstata l-fatti u li tinsab annessa ma' dan il-process. A fol 36 l-istess espert jghid:
*"Gara li waqt li l-car Peugeot 205 Nru LCK363 kienet tinsaq go Triq il-Bajja ta' S. Tumas lejn M'Xlokk/Zejtun, giet mill-faccata, u cioe' minn naha taz-Zejtun [ommisis] il-Mitsubishi L200 nru ABF704 li qasmet ghan-naha hazina tat-triq u sar skontru vjolentissimu bejn il-faccata kollha tal-Mitsubishi (imma l-aktar lejn il-lemin) u l-faccata lejn il-lemin tal-Peugeot" [li spiccat writeoff skond sid il-vettura li thallas minghand l-asikurazzjoni];*
*"Fit-triq kien hemm l-impronta tal-b/marks tal-Mistubishi li mill-proper side fil-liwja (lejn ix-xellug, ghall-Mistubishi)*

*imorru wrong side dritt ghall fuq il-Peugeot. Parti mill-b'marks kienu mmewwgjati;*
*"L-impatt sar kompletament fil-proper side tal-Peugeot bhalma deher mhux biss mill-b/marks imma mit-thaffir fl-art u titjir ta' zejt lejn id-direzzjoni ta' Wied il-Ghajn;*
*"Bl-impatt, il-Peugeot sfat imbuttata lura u, biz-zewg roti ta' wara ttellghet fuq il-bankina u nqaleb hajt gholi tas-sejjieh li jibbordura ghalqa, liema gebel hareg sa taht il-bankina, borg;*
*"Fis-seat tal-passiggier fil-Peugeot kien hemm il-kadavru tad-driver tal-Peugeot;*
*"Il-Mitsubishi kellha 4 tyres f'kundizzjoni prima u dak tal-lemin ta' qudiem nizel meta nqaras fl-impatt. L-istess gralu t-tyre tal-lemin ta' quddiem fil-Peugeot;*
*"Iz-zewg vetturi kellhom is-"seatbelts" fil-post.*
*Konsiderati dawn l-osservazzjonijiet hija bil-wisq evidenti l-konkluzzjoni mill-ottika tal-assjem tal-provi inkluzi it-ritratti esebiti, l-mod kif spiccaw il-vetturi u l-iskizz illi l-incident sehh kawza ta' speed eccessiv da parti tas-sewwieq tal-vettura Mitsubishi li appena halla l-liwja baqa' diehel direttament fuq il-vettura gejja mid-direzzjoni opposta li kienet kompetament fuq is-side taghha. Il-velocita' eccessiva tal-Mitsubishi hija manifesta sia fit-tul tal-brake mark kif ukoll fil-fatt illi l-vettura li sofriet l-impatt spiccat mitfugha lura fuq hajt tas-sejjieh li spicca borg taht 'l wara tal-Peugot. L-imputat, izda jaghti verzjoni differenti dwar kif sehh l-incident. Huwa ghazel illi jixhed fl-ingenere u qal (fol 47) illi hu kien niezel isuq bil-mod u kif ser idur il-kantuniera isib lill-iehor go wiccu, ibbrejka u habat. Huwa jghid li fil-hin tal-habta kien fuq is-side tieghu. Il-brake mark li kien hemm mhux tieghu ghaliex kien double wheel ta' truck u li fl-ebda hin ma kien wrong side. Il-passiggiera tal-imputat, allura l-gharusa tieghu, xehdet (fol 45) illi taf li huma kienu mas-side taghhom u f'daqqa wahda rat karozza fuqhom u bbrekjaw u giet id-daqqa. Marisa Farrugia baqghet issostni quddiem din il-Qorti (fol 149 et seq) illi l-imputat kien ghaddej bi speed normali. Meta regghet xehdet fis-17 ta' Novembru 2008, ziedet tghid rat il-vettura l-ohra gejja u "jien ghidtlu Geo Geo ghidtlu gejja karozza, gejja fuqna" u dak il-hin "waqqaf, clutch u break hux, imbaghad s'hemmhekk biss nista' nghidlek ghax ma nistghax naf izjed".*

Il-verzjoni tal-imputat u tal-gharusa tieghu ma jirrispekjawx il-verita’ u huma dikjarazzjonijiet foloz moghtija taht gurament. Fl-ewwel lok il-fatti kif prezervati juru li tali verzjoni hija wahda fizikament impossibbli. Di piu’ ix-xhieda ta’ Jason Briffa li inzerta ghaddej minn hemm dak il-hin tikkristalizza tal-impossibilita’. Oltre li xehed quddiem l-espert tal-Qorti, Jason Briffa xehed ukoll quddiem din il-Qorti (fol 220 *et seq*) fejn in sintesi jghid illi dak il-hin kien hiereg minn trejqa u hin minnhom ra vann aktarx pick-up, gej bi speed eccessiv tant li kellu jirriversja ghaliex haseb li kien gej ghal go n-naha “on the other side of the road” (kliem ix-xhud). Irriversjajt ghax hsibtu gej ghal go fija.. Malli ghadda hu, ezattament harist wahda hekk u hrigt. Appik li hrigt hekk nara dahna bajda, ghidt hawn x’gara… imbaghad once li nizlet id-dahna, qisek gejt iebes ma stajtx insuq… u rajt dan il-vann li kien habat ovvjament head-on ma’ karozza, din il-karozza bid-daqqa telghet fuq il-hajt tas-sejjieh hekk, bid-daqqa li hadet head-on. … Sadanittant ghadni ma cempiltx lill-pulizija ghax ma stajtx, it-telefon litteralment bix-xena li rajt dak il-hin, il-qatgha li hadt ghax ghal daqsxejn ma spiccajtx jien flok dik il-vittma, ghax jien kieku ma rriversjajtx hadtha jien. U fl-istess waqt l-gharusa tal-imputat tghid li appena raw il-vettura gejja fid-direzzjoni opposta l-imputat waqaf tant li gholla l-handbrake;

Din il-Qorti ghalhekk hija konvinta ‘l hinn minn kull dubju ragonevoli li dan l-incident sehh tort unikament tat-traskuraggni fis-sewqan tal-imputat li kien ghaddej bi speed eccessiv u inkontrollabbli. Huwa minnu illi d-*decujus* kellu tracci ta’ tahlit ta’ drogi fid-demm tieghu inkluzi medicinali li lkoll setghu iqieghduh fi stat ta’ irqaghad (sedation), izda ma hemm assolutament xejn li jista’ anke minimament jindika li dan kien qed isuq b’manjiera li kkontirbiwet ghal dan l-incident u din il-Qorti m’hi qed tattibwixxi l-ebda importanza ghal dan il-fattur tossikologiku.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet dawk il-provi kollha fil-grad rikjest mill-ligi biex turi li Sarah Madeleine Bonnici, llum Caruana, Nathan Caruana u Marisa Farrugia, sofrew

griehi gravi skond dak ravvizat fl-artikolu 226(1) (a) u (c) tal-Kap 9. Dawn kollha kienu liebsin is-seat belt fil-hin tal-incident u ghalhekk ma kkontribewx ghal-griehi subiti b'xi nuqqas da parti taghhom. Il-prosekuzzjoni ressqet lil dawk it-tobba li ezaminaw u ccertifikaw lill-korruti u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li dawn ssubew dawn id-danni kawza ta' dan l-incident. Il-vettura Peugot LCK 363 kienet wahda tal-kiri u fil-fatt mikrija lid-decujus, liema vettura sfat *writeoff* ghad-dannu ta' sidha Joseph Spiteri;

Ghal dawn il-motivi ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;
Wara li rat l-artikoli 225, 226(1)(a) u (c), 328(a)(b), u 30 tal-Kap 9, 15(1)(a)(2) Kap 65 127(1) tal-AL 128 tal-1994;
Rat il-fedina penali tal-imputat minfejn tirrizulta illi fl-1994 kien misjub hati ta' kontravvenzjoni;
Dwar il-piena, ikkunsidrat illi l-agir tal-imputat huwa wiehed serjissimu kawza ta' liema tilef hajtu persuna, spiccaw korruti gravement tlett persuni inkluz tarbija ta' tlett snin. Kif jemergi mill-provi, dan mhux incident fejn l-imputat tilef il-kontroll tal-vettura minhabba mument ta' disattenzjoni izda huwa wiehed kawzat biss minhabba speed eccessiv u inkontrollabbli fuq triq tajba u nadifa. U ghalhekk mehud dan kollu in konsiderazzjoni tikkundanna lill-imputat ghall-terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2), liema terminu ma jiddekorriex hlief jekk l-imputat jikkommetti rejat iehor li huwa punibbli bi prigunerija sa zmien sentejn mil-lum,.
Tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan tieghu ghal zmien sena (1) mill-lum.
Tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez kollha inkorsi fin-nomina tal-esperti u d-drittijiet taghhom ghall-inkjesta dwar il-kaz u dan fi zmien tlett (3) xhur mil-lum

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------